MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 1110/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs**

**Dean John Mills (detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 033291020) kif rapprezentat stante li assenti, mill-Avukat Henry Antoncich bhala kuratur deputat appuntat b'digriet tat-22 ta' Marzu 2011**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' self u kompravendita fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela tat-3

ta’ Frar, 2003, l-intimat Mills kien ikkonfermat debitur tal-Bank rikorrenti;

2. Illi l-intimat ghadu debitur tas-socjeta` rikorrenti nonostante li effettwa xi pagamenti dovuti;

3. Illi stante li ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt l-istess socjeta` rikorrenti qed titlob li tkun debitament awtorizzata biex tesegwixxi dan l-istess titolu kontra l-imsemmi ntimat, u dan, ai termini tal-artikolu 258 (c) tal-Kap 12;

Illi in vista tal-premess konsegwentement titlob li din il-qorti:

1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq indikat peress li ghaddew aktar minn tlett (3) snin, mid-data tal-kuntratt in dizamina peress li d-dejn ghadu mhux saldat kollu, u dan, ai termini tal-artikolu 258 (c) tal-Kap 12;

2. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat inkarigat biex jirrapprezenta lill-assenti ntimat li sintetikament wiegeb:

1. Illi mhux edott mill-fatti;

2. Illi l-bilanc dovut mhux kanonizzat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar fuq indikat, l-intimat Mills ikkonferma li hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammonti hemm indikati, (ara fol 2 et sequitur);

2. Illi permezz tar-rendikont esebit mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta li wara li jigu eskluzi l-ammonti gia` minnu mhallsa, l-intimat ghad ghandu jirrifondi s-somma ta' tnejn u sebghin elf, tlett mija u dsatax –il Ewro, (€72,319.00), liema ammont jinkludi l-imghaxijiet mill-21 t'Ottubru, 2011;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghal fejn ma tistriehx fuq dawn ir-rizultanzi u konsegwentement qed takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Dean John Mills hu debitur tas-socjeta` ntimata HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' tnejn u sebghin elf, tlett mija u dsatax –il Ewro, (€72,319.00);

2. Tikkundanna lill-imsemmi ntimat biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-21 t'Ottubru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------